**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 266/07VG**

**Hon. Anthony sive Ninu Zammit**

**Vs**

**Jason Micallef**

**Illum 22 ta' Frar 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-Perit Anthony sive Ninu Zammit fl-24 ta' Awwissu 2007 permezz ta' liema jitlob li prevja dikjarazzjoni li l-artikolu intitolat "Rigal lil Ninu?" miktub minn Jason Micallef u ppubblikat f'pagna 15 tal-gurnal "Kulhadd" ta' nhar il-Hadd 19 ta' Awwissu 2007 dwar il-kumpens li thallas lilu in konnessjoni ma' l-esproprjazzjoni ta' bictejn art quddiem id-dar tieghu fiz-Zurrieq, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu billi joffendi l-unur u l-fama tieghu u jesponih ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku, il-Qorti tikkundanna lil Jason Micallef ihallsu dik is-somma li tigi Minnha likwidata ai termini ta' l-Artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa, Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra Jason Micallef;

Rat id-dokument, ossia estratt mill-harga tal-gurnal "Kulhadd" tal-Hadd 19 ta' Awwissu 2007 minn fejn jirrizulta l-artikolu mertu ta' dawn il-proceduri, anness mar-Rikors promotur a fol. 2 tal-process;

Rat ir-Risposta tal-konvenut permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) l-artikolu indikat mill-attur ma huwiex libelluz ai termini tal-Ligi fil-konfront ta' l-istess attur; (ii) l-istess diskors jikkonsisti f'espressjoni ta' l-opinjoni w apprezzament jew *value judgement* tieghu u huwa *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku, fuq fatti sostanzjalment veri, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa, kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem; u (iii) bid-diskors tieghu huwa kien qieghed jezercita d-dritt u d-dover tieghu f'demokrazija, li jaghmel kritika politika fil-vesti tieghu pubblika ta' segretarju generali ta' Partit Politiku u jesprimi

fehmiet u l-apprezzament tieghu fuq materja ta' interess pubbliku dwar l-amministrazzjoni pubblika;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tad-6 ta' Frar 2008[1], tat-22 ta' Mejju 2008[2], tal-25 ta' Gunju 2008[3] u ta' l-14 ta' Ottubru 2008[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CSH1" sa' Dok. "CSH7" a fol. 15 sa' 22 tal-process, Dok. "Z" a fol. 27 sa'29 tal-process u Dok. "Z" u Dok. "Z1" a fol. 35 sa' 42 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2009[5] u x-xhieda ta' Albert Mamo, Kummissarju ta' l-Artijiet, moghtija waqt is-seduti tat-23 ta' Frar 2012[6] u tas-26 ta' April 2012[7] u rat id-dokumenti esebiti minnu markat Dok. "AM1" a fol. 85 sa' 96 tal-process u Dok. "AM" a fol. 108 sa' 127 tal-process;

Rat id-dikjarazzjoni maghmula waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2012[8] li l-proceduri odjerni mixjin flimkien mal-proceduri fl-ismijiet "Hon. Anthony sive Ninu Zammit v. Dr. Alfred Sant" Rik. Nru. 251/07 (Nru.14 fuq il-lista tat-8 ta' Novembru 2012);

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut ipprezentata fil-25 ta' Awwissu 2014 a fol. 142 sa' 151 tal-process;

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Hon. Anthony sive Ninu Zammit v. Dr. Alfred Sant" Rik. Nru. 251/07[9];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jikkontesta artikolu miktub mill-konvenut u ippubblikat fil-harga tal-gurnal "Kulhadd" tal-Hadd 19 ta' Awwissu 2007, intitolat "Rigal lil Ninu?" in kwantu jqis li huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu billi joffendi l-unur u l-fama tieghu u jesponih ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku u jitlob li, prevja dikjarazzjoni li l-imsemmi artikolu huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu, il-konvenut jigi ikkundannat ihallsu dik is-somma ta' tigi likwidata mill-Qorti in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenut jilqa' ghat-talbiet attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) l-artikolu indikat mill-attur ma huwiex libelluz ai termini tal-Ligi fil-konfront ta' l-istess attur; (ii) l-istess diskors jikkonsisti f'espressjoni ta' l-opinjoni w apprezzament jew *value judgement* tieghu u huwa *fair comment* fuq materja ta' interess

[1] Fol. 11 sa' 14 tal-process.
[2] Fol. 25 u 26 tal-process.
[3] Fol. 31 u 32 tal-process.
[4] Fol. 34 tal-process.
[5] Fol. 48 u 49 tal-process.
[6] Fol. 97 sa' 102 tal-process.
[7] Fol. 128 u 129 tal-process.
[8] Fol. 133 tal-process.
[9] Liema kawza giet deciza llum stess.

pubbliku, fuq fatti sostanzjalment veri, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa, kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem; u (iii) bid-diskors tieghu huwa kien qieghed jezercita d-dritt u d-dover tieghu f'demokrazija, li jaghmel kritika politika fil-vesti tieghu pubblika ta' segretarju generali ta' Partit Politiku u jesprimi fehmiet u l-apprezzament tieghu fuq materja ta' interess pubbliku dwar l-amministrazzjoni pubblika.

Fl-artikolu in kwistjoni – li kif inghad huwa intitolat "Rigal lil Ninu?" u gie ippubblikat fil-harga tal-gurnal "Kulhadd" ta' nhar il-Hadd 19 ta' Awwissu 2007 – il-konvenut kiteb: *l-oxxenitajiet tal-ministri ewlenin tal-Gvern ta' Lawrence Gonzi m'ghandhomx limitu. Il-kaz ta' Ninu Zammit li nghata, nghid jien rigal, ta' kwazi Lm70,000 ghal bicca art id-daqs ta' bankina wiesgha ma' jitwemminx. Dal-kumpens oxxen iqajjem mistoqsijiet kbar u serji hafna fuq il-procedura li ntuzat biex Ninu Zammit jinghata kwazi Lm70,000 ghax ittiehditlu bicca art daqs ta' bankina biex setghet tigi dritta l-linja tat-triq fejn joqghod Ninu Zammit stess. Fosthom, skond Ninu Zammit, il-Gvern wettaq xoghlijiet fuq l-art li ttehditlu sa mis-sena 1987 u din l-art ghaddiet ghand il-Gvern ghal skop pubbliku fis-sena 1989. Ninu Zammit appllika ghall-kumpens fl-2005, 18-il sena wara li l-art ghaddiet ghand il-Gvern. Anqas minn sentejn wara fi Frar 2007, inghata kwazi Lm70,000 kumpens. Allura jekk fi kliem Tonio Borg il-procedura l-gdida nbdiet fl-1993, u applikabbli ghal dawk li ittehditilhom l-art mill-1993 'l quddiem, kif jista' jkun li din il-procedura applikat ukoll ghall-art ta' Ninu Zammit li nerga' nghid skond Ninu stess ittehditlu fl-1987? Dan il-kaz huwa konfera ohra tar-renju tal-hbieb tal-hbieb*[10].

Fir-rigward ta' dan l-artikolu l-attur iddikjara li *wara li jiena qrajt l-artikolu intitolat "Rigal lil Ninu?" miktub u ppbuikat f'gurnal pagna 15 maghruf bl-isem ta' Kulhadd nhar id-19 ta' Awwissu 2007, jiena hassejt ruhi ingurjat. Qed naghmel referenza ghall-artikolu li jinsab inserit f'dawn l-atti a fol.2. Nixtieq nghid u nibda billi nghid li l-kelma li uza li semma l-attur fis-sens ta' rigal hija ingurjuza ghaliex dak li rcevejt jien m'hu rigal xejn. Dan huwa kumpens ghall-art li giet akkwistata ghall-uzu pubbliku bhal ma jsir f'kazijiet ohra, intuzaw l-istess kriterji u regolamenti fil-konfront tieghi biex l-art giet esproprjata minghandi. Nixtieq nghid li jiena kont ghamilt applikazzjoni sabiex nibni d-dar tieghi gewwa z-Zurrieq fis-sena 1983 u n-numru ta' l-applikazzjoni kien 0489 tas-sena 1983 u dan skond il-ligi li kienet ezistenti dak iz-zmien Building Development Act. Skond din il-ligi jien applikajt sabiex jien ikolli faccata ta' thirty seven feet, il-faccata tal-proprjetà kollha tieghi fuq l-istess triq li hija ta' madwar mija u sebgha u tmenin pied. Ta' din jien ha nhalli l-pjanta relattiva li l-Qorti qed timmarka bhala dokument CSH. Fuq dawn is-sebgha u tletin pied li huma l-faccata proprja tad-dar tieghi kont naf li kelli nirtira 'l gewwa u ghamilt hekk appena bdejt nibni u t-thirty seven feet li giet approvata mal-permess jien naturalment ma tlabtx il-kumpens ghaliha. B'hekk spiccajt li jien tlabt kumpens fuq zewg porzjonijiet li t-thirty seven feet m'humiex inkluzi u originarjament jiena kont se inzommhom bhala parti mill-proprjetà tieghi. Waqt li jiena kont qed nibni kienu hargu instructions sabiex it-triq kollha titwessa'. Nghid li kien*

[10] Fol. 2 tal-process.

*hemm bzonn li jittiehdu kemm il-proprjetà tieghi kif ukoll proprjetajiet ta' terzi girien ghalhekk jiena kelli nirtira l-faccata kollha 'l gewwa. Jiena gie mehud minghandi ghall-uzu pubbliku zewg porzjonijiet wahda minnhom kien hemm razzett li kellu faccata ta' sebgha u erbghin pied u wiehed u tletin pied fond. L-ohra però kien hemm raba' biss. Flimkien kien hemm area totali ta' hundred and eighty seven square metres li huma ekwivalenti ghal plot ta' tliet qasab, sebgha u disghin pied fond. U ghalhekk nixtieq nghid li l-hajt ta' barra fuq zewg bicciet li gew esproprjati bejniethom a spejjez tieghi. Filwaqt li hitan li inbnew fuq proprjetajiet tal-girien tieghi gew mibnija mill-Gvern. Sussegwentement ghamilt landscaping tad-dar tieghi ghall-gnien skond il-pjanta. ... l-art in kwistjoni giet mehuda fin-1989 u jiena kont applikajt ghall-kumpens fis-sena 2005. Nghid li jiena ghamilt hekk peress li jekk jiena ma ircevejtx in-Notice to Treat fl-ewwel ghaxar snin illi d-dritt biex napplika formalment wara dan iz-zmien u hekk fil-fatt ghamilt jien. ... il-kumpens li hareg kien ta' erbgha u erbghin elf lira peress li l-interessi fuqhom kienu ta' tlieta u ghoxrin elf lira. Naturalment jigu li jiena hadt is-somma ta' sebghin elf lira, anzi nghid sixty seven thousand. ... il-bazi u kif gew ikkalkulati l-kumpens fil-konfront tieghi hija l-istess sistema li ntuzat fil-konfront ta' terzi*[11]. In sostenn ta' dak minnu dikjarat l-attur esebixxa series ta' dokumenti markati Dok. "CSH" sa' Dok. "CSH7" a fol. 15 sa' 22 tal-process.

Il-konvenut da parte tieghu jikkontendi li *qed issirli referenza ghall-artikolu li deher fil-gazzetta Kulhadd nhar id-19 ta' Awwissu 2007 pagna 15, liema kopja tal-gazzetta tinsab inserita fl-atti a fol. 2. Nixtieq nghid li l-opinjoni li hemm intitolat "Rigal lil Ninu?" gie miktub minni u dak huwa opinjoni tieghi. Nixtieq nghid li dak kien opinjoni li tqajjmet minn kontroversja pubblika li kienet ghaddejja dak iz-zmien. Nghid li kien hemm ahbar li kien deher fuq diversi mezzi tax-xandir f'dak iz-zmien. Il-kwistjoni li kienet qed tissemma kienet li sar maghruf permezz ta' diversi mezzi tax-xandir. L-Onorevoli Ninu Zammit kien ha kumpens mill-Gvern ghal art li ttihditlu ghal skopijiet pubblici fis-sena 1987. Fl-opinjoni tieghi kienet mistoqsija l-procedura li ntuzat sabiex fil-fatt l-attur inghata l-kumpens li nghata u dan ghaliex kien hemm hafna kazijiet simili ta' familji Maltin lura fiz-zmien hamsa u tletin, tletin sena li ttihditilhom art mill-Gvern ghal skopijiet pubblici, toroq godda, sabiex it-toroq jigu ahjar li kienu ghadhom ma gewx ikkumpensati mill-Gvern. Nixtieq nghid li meta kien hemm din il-kontroversja kollha pubblika t-twegiba li kien ta l-Prim' Ministru ghall-mistoqsija li saritlu kienet fis-sens li kienet il-procedura li kienet qed tintuza mill-Gvern tal-gurnata kienet skond legislazzjoni ta' l-istess Gvern li tmur lura ghall-1993 u cioè individwi jew familji li ttehditilhom art ghal skopijiet pubblici jinghatalhom kumpens mill-1993 'l quddiem. Il-kaz ta' l-Onorevoli Ninu Zammit imur ghal 1987. Fil-fatt kien applika ghal kumpens tmintax-il sena wara, fl-2005. Fl-opinjoni tieghi jiena staqsejt dak li effettivament kienu qed jistaqsu. Li jekk il-Gvern illegisla fl-1993 il-kummenti ezistenti tal-vici Prim' Ministru li jghidu n-nies intitolati ghall-kumpens huma intitolati mis-sena 1993 'l quddiem. Jien ghalhekk staqsejt kif staqsew in-nies kif din is-sistema kellha tapplika wkoll lill-Onorevoli Ninu Zammit*. In kontro-ezami l-konvenut iddikjara li *fl-artiklu tieghi staqsejt biss x'kienet il-procedura li ntuzat fil-konfront ta' l-Onorevoli*

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Frar 2008, fol. 11 sa' 14 tal-process.

*Ninu Zammit. Bil-kelma oxxen li wzajt fl-artiklu ridt infisser li kien hemm nies li kienu ilhom jistennew zmien twil biex jiehdu l-kumpens taghhom u ghadhom jistennew sa' llum waqt li l-Onorevoli Zammit ha l-kumpens tieghu. Ghalhekk fil-fehma tieghi l-oxxenità kienet li dak li applika ghaliha s-Sur Zammit seta' applika ghaliha kwalunkwe persuna ohra. … Nixtieq nghid ghal darb' ohra li l-procedura li ntuzat tqajjem mistoqsijiet kbar u ghal darb' ohra nghid li jiena l-procedura li ntuzat fil-konfront ta' Onorevoli Zammit li ghandi d-dubji tieghi dwarha u mhux dwar l-ammont li effettivament ircieva*[12].

Mix-xhieda tal-konvenut johrog ferm car li huwa kiteb l-artikolu in kwistjoni ghaliex skontu l-attur gie trattat b'mod preferenzjali a paragun ta' persuni ohra li kellhom jiehdu kumpens ghal proprjetajiet li gew esproprjati minghandhom ghal skopijiet pubblici w addirittura, u possibilment iktar minn hekk, li l-attur uza u thalla juza procedura li ma kenitx applikabbli ghall-kaz tieghu in kwantu l-artijiet tieghu ttiehdulu fl-1989. Il-konvenut jikkontendi li l-kitba tieghu ma kienet xejn ghajr opinjoni tieghu fuq materja ta' interess pubbliku li kienet tqajmet f'dawk iz-zminijiet, tant hu hekk li fir-Risposta tieghu ghat-talbiet attrici jikkontendi li dak minnu miktub fil-konfront ta' l-attur jikkonsisti f'espressjoni ta' l-opinjoni w apprezzament jew *value judgement* tieghu u huwa *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku, fuq fatti sostanzjalment veri, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa, kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

Il-Qorti tibda billi tosserva li dwar il-kwistjoni ta' x'inhi opinjoni u jekk din tistax titqies li hi libelluza o meno, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Perit Duminku Mintoff v. Dr. Joe Brincat et, Citaz. Nru. 690/99** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Jannar 2002, fejn dik il-Qorti osservat illi *kif inhu risaput, while a comment is usually a statement of opinion as to the merits or demirts of conduct, an inference of facy may also be a comment" (Gatley on Libel and Slander, 8$^{th}$ Ed. p. 696). … criticism expressed in personalized columns is more likely to be regarded as opinion, especially when it appears to be an inference drawn by the columnist from facts to which reference has been made. Writers can help to characterize their criticism as comment with phrases lise "it seems to me", "in my judgment", "in other words" etc., although such devices will not always be concluside. … Fil-kolonna tieghu il-konvenut juza dawn l-espressjoonijiet bhal 'nahseb', 'ma nafx kif infissirha, illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut fl-artikolu inkriminat kien qed jesercita d-dritt fondamentali tieghu tal-libertà ta' l-espressjoni, u li l-kitba inkriminata mhiex libelluza billi fiha kmment bazati fuq fatti li graw*.

Minn dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili johrog car li ghalkemm l-konvenut jista' jqis dak minnu miktub fir-rigward ta' l-attur bhala opinjoni dwar kwistjoni li kienet qed tkun dibattuta u mitkellma dwarha hafna f'dawk iz-zminijiet, biex dak minnu miktub ikun effettivament jikkostitwixxi d-dritt tal-libertà ta' l-espressjoni, il-fatti fuq liema huwa bbaza l-opinjoni tieghu jridu jkunu sehhew verament u mhux hekk biss izda anke jkunu sostanzjalment veri. Dana

[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2009, fol. 48 u 49 tal-process.

japplika wkoll fir-rigward tad-difiza tal-*fair comment* u tal-*value judgment* sollevati mill-konvenut.

Dwar id-difiza tal-*fair comment*, anke fejn jirrigwarda persuni pubblici u/jew fil-politika u materja ta' interess pubbliku, huwa principju guridiku assodat li *il-linja medjana fejn proprio d-dritt ta' espressjoni libera taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … fejn l-espressjoni tigi ibbazata fuq fatti skorretti"*[13]*. Illi f'dan il-kuntest id-differenza bejn 'allegazzjoni ta' fatt' u 'comment' hija wahda llum stabbilita fil-gurisprudenza taghna. F'materja ta' ingurja bl-istampa ghandha ssir distinzjoni bejn 'allegation of fact' u dak li huwa 'comment'. Biex tirnexxi d-difiza tal-verità tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-'comment' biex ikun gustifikat irid ikun 'fair and bona fide' u ma jistax ikun 'fair u bona fide' jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru" (Reginald Miller v. Harold Scory" XXXVI.iv.843). Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-'fair comment', "jekk ma jigux ippruvati sodisfacentement il-fatti addeibtati lill-kwerelant u ma tistax tirnexxi d-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri lanqas jista' jkun hemm 'fair comment' (Anglu Camilleri v. Anthony Zammit Vol. XI.IV.1195; Dr. Joseph M. Ciappara v. Joseph Zammit – JSP Citaz. Nru. 929/90/JSP – 3 ta' Ottubru 1991). … il-kritika hi fondamentali f'socjetà demokratika, però dejjem hemm il-limiti. Dawn il-limiti f'kazijiet bhal dan li jkun ta' interess pubbliku generali, ghandhom ikunu wesghin kemm jista' jkun, b'mod partikolari meta hemm involuti persuni pubblici bhal ma huwa l-attur. F'dan ir-rigward il-Gately jghid – "In cases of comment on a matter of public interest the limits of comment are very wide indeed. This is especially so in the case of public men". Il-Gately jispecifika in oltre illi – "Unless there is some clear evidence of malice or some misstatement of fact, no action should be commenced, however severe the terms of the criticism may be." Ghar-rigward ta' x'jikkosistitwixxi misstatement of fact l-istess Gately jghid – "It is one thing to comment upon or criticize, even with severity, the acknowledged or proved acts of a public man, and quite another to assert that he has been guilty of particular acts of misconduct". Il-Qrati taghna segwew dawn l-insenjamenti u jista' jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza ricenti d-dritt ta' l-espressjoni permezz ta' l-istampa ghandu jinghata interpretazzjoni wiesgha, b'tali mod li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kritika harxa w azzardata tista' tigi wkoll permessa dejjem sakemm din tkun entro l-limiti ta' dak li hu ragonevoli. (Fenech v. Callus et – 4 ta' Far 1994, Sant v. Camilleri et – 14 ta' Frar 1994 u Mons. A. Gauci v. M. Schiavone et – 8 ta' Novembru 1995). Illi ghalhekk f'kazijiet li jkunu ggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu involuti persuni pubblici l-limiti tal-kummenti huma wiesghin però dejjem hemm limiti. Tali limiti huma dettati fuq kollox minn dak li hu ragjonevoli, minn dak li hu dicenti u minn dak li jista' jkun accettat fis-socjetà in partikolari. Hemm ukoll id-dritt li kull persuna, pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazzjonijiet, minghajr fundament, maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibliment ghal raguni politika … ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li qajjmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies*

[13] Onor. Charles Buhagiar v. Ray Bugeja, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Jannar 1996.

*pubblici*[14]*. ... Il-ligi taghna mhiex njara ghall-kuncett ta' interess pubbliku u l-fatt li persuni f'karigi pubblici w importanti necessarjament huma esposti ghal kritika. Infatti tammetti l-prova tal-verità tal-fatti f'diversi kazijiet ta' personalitajiet pubblici. Però altru timputa fatt li temmen li hu veru u fil-fatt hu veru, u altru bl-aktar mod irresponsabbli dak li jigik f'mohhok tiktbu u tippubblikah minghajr ma hemm imqar bazi ta' fondatezza f'dak li jigi asserit. Il-politika ta' 'publish and be damned' qatt ma sabet sostenn fil-Qrati taghna."*[15] *... dan jinghad ghaliex l-istess generu ta' persuni ghandhom l-istess drittijiet ghall-preservazzjoni ta' integrità u l-fama taghhom daqs haddiehor, u f'certu sens malafama fil-konfront taghhom hija iktar serja peress li l-operat taghhom huwa dejjem suggett ghall-iskrutinju tal-pubbliku fu liema appogg tiddependi l-posizzjoni u l-ezistenza taghhom, u ghalhekk tista' ssir iktar hsara lill-istess persuni hekk suggetti ghall-opinjoni pubblika"*[16].

Fir-rigward tad-dritt u dover tieghu fid-demokrazija li jaghmel kritika politika fil-vesti tieghu pubblika ta' segretarju generali ta' Partit politiku u jesprimi fehmiet u l-apprezzament tieghu fuq materja ta' interess pubbliku, dwar l-amministrazzjoni pubblika, invokat mill-konvenut, issir referenza ghal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **L-Onor. Avukat Dottor Louis Galea v. L-Onor. Prim' Ministru Alfred Sant, Citaz. Nru. 945/97** deciza fit-23 ta' Mejju 2002 u ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fis-17 ta' Gunju 2005: *ma hemmx dubju li l-konvenut kellu u ghandu bhala Deputat tal-Poplu u l-Kap ta' l-Oppozizzjoni biex jaghmel dak li huwa dover u dritt tieghu li jikkritika l-amministrazzjoni fuq materji ta' interess pubbliku. Fil-fatt din il-Ligi w il-gurisprudenza nostrali tirrikonoxxi dan id-dritt u xejn minn din il-gurisprudenza fuq kwotata u hawn applikata ma jmur kontra tali dritt, ghaliex il-Qorti hija tenuta li tibbaza d-decizjoni taghha fuq il-Ligi vigenti, u tali Ligi kif dejjem interpretata konsistentement mill-Qrati taghna, tapplika u tirrikonoxxi l-istess dritt vantat mill-konvenut, però dan dejjem fl-orbitu ta' tharis tad-dritt bazilari ta' kull persuna huwa min huwa, li jiddefendi l-unur u r-reputazzjoni tieghu, tant li jista' jinghad, li min-naha l-ohra, dan huwa dritt fundamentali ta' kull bniedem u l-ligi tirrikonoxxih bhala tali, specjalment meta jsiru allegazzjonijiet ta' fatti fuq persuna, li jistghu u fil-fatt ikissru l-unur u l-integrità tal-istess persuna anke pubblika, u mill-ezami li jsir tali allegazzjonijiet ma jirrizultawx li huma pruvati jew li huma veritieri. Illi dan huwa konfermat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja, anke fuq riferita fil-kawza "Lingens vs Austria" (1986) fejn inghad li: "In the Courts view, a careful distinction needs to be made between facts and value judgements. The existence of facts can be demonstrated, whilst the truth of value Cit Nru: 945/97/RCP 52 23 ta' Mejju,2002(RCP) judgements is not susceptible of proof The Court notes in this connection that the facts on which Mr Lingens founded his value judgements were undisputed, as was his good faith....". Illi dan gie kkonfermat fil-kawzi "Obershlick vs Austria" (1991) u "Schwabe vs Austria" (1992) u*

[14] L-Onorevoli Avukat Louis Galea v. L-Onor. Prim' Ministru Alfred Sant, Citaz. Nru. 945/97 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 2002, Onor. Dr. Joseph M. Fenech v. Louis Cauchi et, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Jannar 2002.

[15] Eddie Fenech Adami et v. Joseph Vella et deciza Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Frar 1998.

[16] Onor. Alfred Sant v. Dione Borg et deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April 2002 u Onor. Dr. Alfred Sant v. Gordon Pisani, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April 2002. George Papagiorcopulo v. Jimmy Magro et noe, Citaz. Nru. 1699/94 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003.

*"Castells vs Spain" (1992) fejn gie indikat li l-limiti ta' kritika huma ikbar meta diretti lejn il-Gvern tal-gurnata anke iktar hafna minn dawk possibbli fil-kuntest ta' cittadin privat u anke fil-kaz ta' individwu fil-politika, però imkien fl-istess sentenzi, inkluzi f'dawk l-iktar ricenti ta' "Bladet Tromso and Stensaas vs Norway" (1999), "Bergens Tiende and others vs Norway" (2000) u "Fuentes Bobo vs Spain" (2000) ma jinghad li jistghu jigu attribwiti fatti mhux veri lill-persuna anke jekk din ghandha posizzjoni pubblika, u dak li jissejjah bhala "value judgement" ghandu wkoll jigi bbazat fuq fatti u mhux fuq invenzjonijiet, u dan in verità u fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma jistax ikun mod iehor, ghaliex ma jistax ikun hemm "value judgement" jekk almenu dan ma jkunx ibbazat fuq il-verità u l-fatt rejali, ghaliex altrimenti kif jista' jkun li tali "gudizzju" jkollu xi "valur"?.*

Dwar il-kuncett ta' *value judgement,* li wkoll gie invokat mill-konvenut in sostenn ta' dak minnu affermat u/jew ikkummentat fir-rigward ta' l-attur, jigi osservat li ghalkemm dan il-kuncett partikolari huwa soggett ghal parametri probatorji differenti mill-kuncett ta' *fair comment,* xorta jibqa' l-fatt li *value judgement* irid ikun bbazat fuq fatti sostanzjalment veri ghaliex altrimenti ma jistax ghajr li jitqies bhala eccessiv. Din l-osservazzjoni ssib konferma fid-decizjoni **Sizma vs Hungary** deciza f'Ottubru 2012, li stqarret is-segwenti: .... *in order to assess the justification of the statements in question, a distinction needs to be made between statements of fact and value judgments, in that, while the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgements is not susceptible of proof. The requirement to prove the truth of a value judgment is generally impossible to fulfill and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part of the right secured by Article 10 (see, for example, Lingens v. Austria, 8 July 1986, § 46, Series A no. 103; Oberschlick v. Austria (no. 1), cited above, § 63). The classification of a statement as a fact or a value judgment is a matter which, in the first place, falls within the margin of appreciation of the national authorities, in particular the domestic courts (see Pedersen and Baadsgaard v. Denmark [GC], no. 49017/99, § 76, ECHR 2004-XI). However, even where a statement amounts to a value judgment, there must exist a sufficient factual basis to support it, failing which it may be excessive (see Jerusalem v. Austria, no. 26958/95, § 43, ECHR 2001–II)."*

Minn dawn id-diversi principji guridici johrog element, non chè principju fondamentali u centrali li japplika anke fejn il-materja trattata tista' titqies wahda ta' interess pubbliku u l-persuna kkritikata jew dwar min tigi espressa opinjoni, kumment jew *value judgement* tkun persuna pubblika u/jew involuta fil-politika, u cioè li kwalunkwe opinjoni, kumment jew *value judgement* maghmul fil-konfront ta' tali persuna jehtieg ikun dejjem ibbazat fuq fatti sostanzjalment veri u li effettivament sehhew u mhux fuq *mis-statements* jew implikazzjonijiet minghajr fundament li jsiru ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika. Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz in ezami huwa proprio dan l-element tal-verità tal-fatti fuq liema l-konvenut ibbaza l-artikolu/opinjoni tieghu fil-konfront ta' l-attur li huwa ghal kollox nieqes bil-konsegwenza ghalhekk li l-istess konvenut ma jistax jippretendi li japplikaw favur tieghu l-protezzjonijiet nascenti mid-dritt tal-libertà ta' l-espressjoni.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-proceduri odjerni huma marbuta mal-proceduri fl-ismijiet "Hon. Anthony sive Ninu Zammit v. Dr. Alfred Sant" Rik. Nru. 251/07. Il-Qorti tosserva li mill-provi prodotti f'dawk il-proceduri – liema proceduri qed jigu decizi b'sentenza moghtija llum stess – jirrizulta b'mod car li fil-kuntest ta' l-esproprjazzjoni ta' zewg bicciet art di proprjetà tieghu fi Triq Sant' Andrija, Zurrieq, l-attur ma gie bl-ebda mod iffavorit jew trattat b'mod preferenzjali a paragun u/jew a skapitu ta' haddiehor u l-procedura adottata mill u fil-konfront ta' l-attur kienet effettivament tikkompeti lilu ai termini tal-Ligi.

Mix-xhieda ta' Martin Saliba[17], rapprezentant tal-MEPA, u b'mod partikolari mid-dokumenti esebiti minnu jirrizulta li l-permess ghall-izvilupp fuq il-proprjetà li l-attur ghandu z-Zurrieq inhareg f'Mejju 1987 u f'dak il-perijodu t-triq, ossia Triq Sant' Andrija, kienet già iffurmata. Gara però li in segwitu, u cioè wara li nhareg il-permess ghall-izvilupp a favur l-attur, ittiehdet id-decizjoni mill-awtoritajiet kompetenti li Triq Sant' Andrija iz-Zurrieq kellha titwessa bil-konsegwenza ghalhekk li gew esproprjati diversi bicciet ta' art, fosthom zewg bicciet art proprjetà ta' l-attur, sitwati f'dik it-triq. Mix-xhieda ta' Margaret Falzon[18] in rapprezentanza tal-Kummissarju ta' l-Artijiet irrizulta li fl-1989 kienet saret esproprjazzjoni ta' hames bicciet art fi Triq Sant' Andrija, fosthom zewg bicciet art di proprjetà ta' l-attur. Irrizulta wkoll li sa' l-2005 is-sidien ta' l-artijiet esproprjati – hlief ghall-attur – kienu rcievew in-*Notice to Treat* u f'uhud mill-kazijiet anke waslu fi ftehim dwar il-kumpens ghall-esproprjazzjoni ta' l-artijiet taghhom u thallsu tali kumpens. Fir-rigward ta' l-attur kien biss fl-2006 li saret talba da parte ta' l-ADT sabiex tigi formalizzata l-esproprjazzjoni ta' zewg bicciet ta' art li kienu ttiehdu lill-attur fl-1989 u b'hekk jigi ikkumpensat ghal tali esproprjazzjoni. Fir-rigward hija fil-fatt xehdet illi: *Mela se nghid l-istorja x'gara ezatt. Mela fil-21 ta' Frar tas-sena 2006, id-dipartiment ircieva talba min-naha ta', dak iz-zmien kienet l-ADT, illum Transport Malta, biex nesproprjaw bicca art Hal Safi. L-ittra kienet iffirmata kif kien rikjest mill-Ministru ta' dak iz-zmien u l-permanent secretary ircieva executive tal-ADT. Fl-ittra kien hemm ukoll li l-art kienet ittiehdet fl-1989 ghalkemm l-ittra kienet fl-2006 u kien hemm xi strutturi fuq l-art. Kien hemm talba fost affarijiet ohra min-naha tal-ADT fost affarijiet ohra kien hemm miktub li l-art kienet ittiehdet fl-1989 mhux jigifieri kienet dak iz-zmien. Imbaghad bdiet il-procedura normali li jiehu d-dipartiment biex jesproprja. Jigifieri saret stima minn perit imqabbad mid-dipartiment. Kien il-Perit Mizzi, u saret l-istima. ... It-talba saret fi Frar tas-sena 2006 u l-istima saret jigifieri tahielna l-perit fid-19 ta' Gunju tas-sena 2006. Wara, kif inhi l-procedura wkoll tad-dipartiment, intalbu l-flus min-naha tal-ADT biex ikun jista' jesproprja d-dipartiment.... Mit-2003 wara li kien hemm l-emendi fil-ligi fic-chapter 88 bdew jigu mid-dipartiment jew l-entità li titlob l-esproprju jigifieri din id-darba kienu ntalbu min-naha taghhom il-flus. ... Kien hemm xi ftit fuq problemi interni, kien hemm min qed jghidu li ghandhom xi credit. ... Irrid niccekkja l-file imma naf li kienu tawhomlna ghal xi haga ohra l-flus parti minnhom. Kienu tawhomlna fuq xi toroq ohra, m'ghandix nota ghal xiex ezatt imma intom ghandkom certu ammont ta' flus ghandkom, ha naghtukom id-*

[17] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2012, fol. 244 sa' 249 tal-process fl-ismijiet "Hon. Anthony sive Ninu Zammit v. Dr. Alfred Sant" Rik. Nru. 251/07VG.

[18] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju 2013, fol. 254 sa' 263 tal-process fl-ismijiet "Hon. Anthony sive Ninu Zammit v. Dr. Alfred Sant" Rik. Nru. 251/07VG.

*differenza. … Imbaghad harget id-dikjarazzjoni tal-president f'ernest proprju jigifieri fit-22 ta' Frar tas-sena 2007, f'April tas-sena ta' wara nghatajna parir legali min huma s-sidien u ftit wara harget ittra ufficjali li huma gew rikonoxxuti bhala s-sidien tal-art u wara sar il-hlas.*

In risposta ghall-mistoqsija *issa tlabtek ukoll informazzjoni jien fl-istess triq, x'kumpensi ohra nghataw u meta saret it-talba ghall-hlas?* Margaret Falzon iddikjarat illi: *Mela jien li sibt, cioè sabuli jigifieri, hawnhekk sibt 5 plots li jidhru vicin. Hawnhekk jidhru proprjetajiet tal-Perit Zammit u l-proprjetajiet l-ohra jigifieri qrib hafna u gibt daqsxejn ta' informazzjoni fuqhom. Issa jien immarkajthom 1, 2, 3, 4 u 5 biex inkun nista' nirreferi ghalihom* – hawn ix-xhud taghmel referenza ghad-dokument Dok. "MF1" a fol. 253 tal-process. *Kollha fl-istess triq fil-fatt qeghdin ta'. Mela fuq il-1 u t-2 li huma hdejn xulxin kienet saret talba mill-works division f'Ottubru tas-sena 1994, il-gazzetta harget f'Lulju tas-sena 1995. Issa l-plot li tidher bhala 1 hawnhekk kienet stmata f'Mejju tas-sena 1996 – 8,385 euros (3,600 liri Maltin) – u ghandha area ta' 214 square metres. Kien hareg avviz ta' ftehim lis-sidien f'Settembru tas-sena 1998 u ma giex accettat, mar quddiem il-Land Arbitration Board u nghata 69,881 euros. Issa t-2 kienet stmata fis-sena 1999 – 29,117 euros – li tigi art adjacent ezatt ma' tal-Perit Zammit. … L-area kienet 320 square metres. Dawn l-istess ikkontestaw il-prezz quddiem l-LAB u inghataw 159,562 euros. … It-3 li hija hawn fuq jigifieri taqbez il-kantuniera (it-triq l-ohra), harget il-gazzetta f'Dicembru tas-sena 1973, hareg l-avviz ta' ftehim fi Frar tas-sena 1989 fuq 4,926 euros u thallsu dawn fuq dak l-ammont. Issa hemm il-4 u l-5. Il-gazzetta harget f'Awwissu tal-1996, qeghdin maqsumin fi tnejn, wahda minnhom giet stmata 19,334 euros, ghandha area ta' 380 metri kwadri u l-ohra area ta' 504 metri kwadri giet stmata 27,487 euros. Fil-fatt minhabba l-ewwel wahda li semmejt ta' 19,334 euros digà giet stmata ghax ghadda z-zmien u fis-sena 2001 giet stmata 39,995 euros. Hareg l-avviz ta' ftehim fuq dan l-ammont u bhalissa ghadu qed jigi kontestat, ghadha ma ttehditx decizjoni. Issa l-plot l-ohra giet stmata 27,486 euros, l-avviz ta' ftehim hareg fis-sena 1998 u ghad hemm proceduri quddiem il-bord (kontestata wkoll).* In risposta ghall-mistoqsijijiet *u kollha bdew il-process* (ghall-esproprazzjoni formali w eventwali kumpens) *fis-snin disghin jekk qed nifhem sewwa hux hekk?* u *U kollha damu?* Margaret Falzon wiegbet *Iva, ezatt. … Kollha damu mhux hazin. Mid-dati li tajt jigifieri.*

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet Albert Mamo, illi xehed f'dawn il-proceduri, iddikjara li *ahna rigward da nil-kaz fil-25 ta' Frar 2006, kellna talba minghand l-ADT biex nesproprjaw dawn il-bicctejn art li huma proprjetà tal-Perit Ninu Zammit. … Il-Perit Joe Mizzi … ghamlilna stima … u z-zewg bicciet art hdejn xulxin kif hemm fuq dik il-pjanta*[19]*, tlabna ovvjament il-flus lill-ADT kif sirna naghmlu mill-1993 'l hawn. Dawn tawna l-flus, baghatna l-minuti ghall-firem tal-Ministru biex tohrog id-dikjarazzjoni, giet iffirmata, u harget id-dikjarazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern bil-prezz maghha. Aktar tard imbaghad sar il-kuntratt u kif ghandu dritt il-Perit Zammit bhal kwalunkwe cittadin iehor, seta' ha l-flus u mar il-Land Arbitration Board jikkontesta u hekk ghamel, hallasnieh u mar il-Land Arbitration Board jikkontesta l-prezz. Dik hi l-istorja*

[19] Dok. "AM1" a fol. 85 sa' 96 tal-process.

*kollha. Il-ligi tipprovdilek illum ... li skond Chapter 88, li jekk trid tiehu l-flus u tista' xorta tikkontesta l-prezz, jigifieri tiehu l-flus ghax ahna llum sirna ngibu l-flus minghand id-dipartiment ikkoncernat. Ghal dawn nifthu bank account, dejjem skond il-igi, within 15 days iridu jiddepozitaw dawn il-flus f'dan il-bank account imbaghad jibdew telghin l-interessi ghand il-bank. F'dan il-kaz hekk ghamlina, gibna l-flus, ftahna l-account, iktar tard thallasna, ghamilna l-kuntratt u dan ghogbu jikkontesta l-prezz u jmur quddiem l-Arbitration Board*[20].

Ghalkemm jidher li l-attur seta' ma damx wisq biex effettivament thallas minn meta saret it-talba ghall-kumpens, wiehed ma jridx jinsa u jinjora l-fatt li z-zewg bicciet art in kwistjoni kienu ttiehdu fl-1989, jigifieri madwar sittax/sebatax il-sena qabel. Ghad illi jista' hemm proprjetarji ta' artijiet li ttehditilhom proprjetà ghal skopijiet pubblici li ghadhom qed jistennew li jithallsu kumpens xieraq, ma jfissirx li l-attur irranga ma' l-awtoritajiet koncernati u ha trattament preferenzjali a paragun u a skapitu ta' haddiehor. Mill-provi li tressqu da parte tal-konvenut stess ma jirrizultax li d-Dipartiment ta' l-Artijiet u/jew l-ADT, bhala l-enti li hadet pussess ta' l-artijiet in kwistjoni, taw xi preferenza lill-attur. Di fatti mill-atti jirrizulta li l-attur ghandu proceduri pendenti quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet[21] peress illi d-Dipartiment ma accettax il-pretensjoni tieghu li l-kumpens dovut lilu kellu jkun iktar minn dak stmat mill-Perit tad-Dipartiment, fatt dan li juri li certament l-attur ma inghatax preferenzi a paragun u a skapitu ta' haddiehor.

Ghalkemm il-konvenut jallega li skontu l-procedura adoperata minn u applikata fil-konfront ta' l-attur ghall-fini tal-kumpens ghall-esproprjazzjoni ta' l-artijiet in kwistjoni ma kenitx tikkompeti lilu, in verità jirrizulta li l-istess attur u l-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-ADT (kif maghrufa dak iz-zmien) bhala l-enti li kienet hadet pussess ta' l-artijiet in kwistjoni, effettivament imxew ai termini tal-Ligi u skond procedura li kienet in vigore fiz-zmien in kwistjoni.

Jibda biex jigi osservat li ai termini ta' l-Artikolu 19 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici, tal-Kap.88 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu tal-ligi, kif jirrizulta mill-Ligi stess, gie introdott fl-1935 u gie in segwitu emendat fl-1946, 1947, 1961 u 1966, ossia fi snin ferm qabel ma l-artijiet ta' l-attur ittiehdu mill-Gvern ghall-fini li titwessa' Triq Sant' Andrija, iz-Zurrieq, l-attur kellu kull dritt li siccome kienu ghaddew iktar minn ghaxar snin minn meta ttiehdulu l-artijiet u kien ghadu ma rceviex in-*Notice to Treat* relattivi, japplika biex dawk iz-zewg bicciet art jigu formalment esproprjati u huwa jkun jista' jircievi l-kumpens relattiv ghalihom. Irrizulta mill-provi iktar 'l fuq imsemmija li fiz-zmien meta saret it-talba da parte ta' l-ADT vis-à-vis iz-zewg bicciet art li ttiehdu lill-attur, il-procedura adoperata ghall-hlas tal-kumpens kienet fis-sens illi l-enti li tkun hadet pussess ta' l-art kellha tipprovdi hi l-flus lid-Dipartiment ta' l-Artijiet, procedura din differenti w iktar efficjenti milli kienet tintuza fiz-zminijiet ta' qabel.

[20] Xhieda mogthija waqt is-seduta tat-23 ta' Frar 2012, fol. 97 sa' 102 tal-process.
[21] Il-proceduri llum decizi b'sentenza tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet moghtija fil-31 ta' Ottubru 2012 u ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fis-26 ta' Mejju 2017.

In effetti din il-procedura l-gdida fir-rigward tal-hlas tal-kumpens – li kienet stipulata fl-Artikolu 12(3) u 22 tal-Kap.88 tal-Ligijiet ta' Malta – giet introdotta bl-Att XI ta' l-2002, liema Att però kien jipprovdi s-segwenti dwar l-effett transitorju ta' tali procedura gdida: *ghar-rigward ta' art li tkun suggetta ghal dikjarazzjoni mill-President qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu, jew art li qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu kienet ittiehdet mill-Gvern imma ma tkun inharget ebda dikjarazzjoni mill-President ghar-rigward taghha qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu ghandu jkun japplikat l-artikolu 12(3) ta' l-Ordinanza* [li jaghmel referenza ukoll ghall-Artikolu 22 ta' l-istess Ordinanza] *kif emendat b'dan l-artikolu, b'dan li l-imghax li jinsab hemm indikat ghandu jibda ghaddej mid-data minn meta l-Gvern jiehu pussess sad-data meta jithallas il-kumpens ghaliha jew dan jigi depozitat skond il-kaz…* Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li l-attur, li sa dak iz-zmien ghad illi kienu ittehdulu z-zewg bicciet art fl-1989 kien ghadu ma rcieva ebda *Notice to Treat*, kien jaqa' taht din il-procedura l-gdida u l-kaz tieghu gustament u legalment gie trattat taht tali procedura gdida.
Minn dan kollu jirrizulta ghalhekk li l-attur semplicement ghamel uzu mid-drittijiet tieghu bhal kwalunkwe cittadin iehor, drittijiet li kienu nascenti minn u perfettament in regola mal-Ligi vigenti dak iz-zmien. B'hekk ma kien hemm ebda preferenza a favur tieghu u ma gietx applikata fir-rigward tieghu procedura li ma kenitx tikkompeti lilu, kif invece affermat mill-konvenut fl-artikolu/opinjoni tieghu. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut seta', anzi messu, jaghmel il-verifiki tieghu mal-Ligi – verifiki li fl-ahhar mill-ahhar setghu facilment isiru – qabel ma jikteb artikolu/opinjoni dwar l-attur u jpoggi fid-dubju l-agir tieghu u effettivament jikkumenta b'mod negattiv, fejn anke jimplika agir skorrett da parte ta' Ministru, dwar fatti w azzjonijiet li kienu perfettament entro l-parametri tal-Ligi.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti hi tal-fehma ghalhekk li ghad illi l-attur dak iz-zmien kien persuna pubblika non chè Ministru, dak mistqarr u ikkummentat mill-konvenut fir-rigward tieghu fl-artikolu/opinjoni pubblikata fil-harga tal-gurnal Kulhadd tal-Hadd 19 ta' Awwissu 2007, la kien onest u lanqas kien gust fil-konfront ta' l-istess attur. Ghaldaqstant, kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenut l-artikolu/opinjoni li huwa kiteb fil-konfront ta' l-attur u li gie pubblikat fil-harga tal-gurnal Kulhadd tal-Hadd 19 ta' Awwissu 2007, kien malafamanti fil-konfront ta' l-istess attur.

Stabbilit dan il-fatt jehtieg issa tigi trattata l-kwistjoni dwar id-danni pretizi mill-attur.

L-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *fil-kaz ta' malafama b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, li l-ghan taghha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti civili kompetenti tista' minbarra d-danni li jistghu jintalbu taht xi ligi li tkun fis-sehh f'dak iz-zmien dwar telf jew hsara attwali, taghti lill-persuna offiza somma ta' mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).* Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li l-likwidazzjoni tad-danni li ghandhom jigu akkordati hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li ghandha ghal dan il-fini tiehu in konsiderazzjoni l-gravità tal-kaz li jkun quddiemha.

Peress illi fil-fehma tal-Qorti l-artikolu/opinjoni intitolat "Rigal lil Ninu?" li l-konvenut kiteb fil-konfront ta' l-attur u li gie pubblikat fil-harga tal-gurnal Kulhadd tal-Hadd 19 ta' Awwissu 2007 kien malafamanti fil-konfront ta' l-istess attur, stante li kellu l-iskop li jtellef jew jnaqqas r-reputazzjoni ta' l-attur, il-kumpens dovut lilu in linea ta' danni minhabba l-malafama kawzata b'dan l-artikolu/opinjoni ghandu jkun fis-somma ta' elf Euro (€1,000).

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u filwaqt li tiddikjara li l-artikolu/opinjoni intitolat "Rigal lil Ninu?" li l-konvenut kiteb fil-konfront ta' l-attur u li gie pubblikat fil-harga tal-gurnal Kulhadd tal-Hadd 19 ta' Awwissu 2007 kien malafamanti fil-konfront ta' l-istess attur, stante li dak l-artikolu/opinjoni kellu l-iskop li jtellef jew jnaqqas r-reputazzjoni ta' l-attur, tillikwida l-kumpens dovut lill-attur in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta fis-somma ta' €1,000 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' €1,000, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**